# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1317

Kaz Nru 1478

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Lydia Gauci

u

Goldvest Company Ltd.
Dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 17 ta' Lulju 2002.

**Chairman: is-Sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fis-16 ta' Ottubru 2000 b'riferenza MSP/TI/68/2000 wara li l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace f'isem Lydia Gauci kien kiteb lill-Onorevoli Ministru li Lydia Gauci kienet sfat imkeccija illegalment mill-impieg taghha mis-socjeta` Goldvest Company Ltd. L-Avukat Dr Victor E Ragonesi deher ghall-Kumpanijja Appellata. Inzammu b'kollox 17 il-seduta.

## 2. Digriet

Meta beda' jinstema' l-kaz Dr Ragonesi f'isem is-socjeta` appellata kien tal-fehma li kellha tkun l-Appellanti li tibda bil-kaz peress illi kienet hi li ressqet l-istess kaz. Dan kien kontestat mill-Appellanti. It-Tribunal permezz ta' digriet fl-24 ta' Jannar 2001 iddecida li kellha tkun is-socjeta` appellata li kellha tiftah il-kaz.

## 3. Fatti tal-Kaz

L-Appellanti kienet impjegata bhala *Front Office Manager* mas-socjeta` appellata li hija l-propjetarja tal-lukanda Imperial. Skond is-socjeta` appellata hija ma kinitx tippossjedi l-kwalifici li kienet qalet li ghandha waqt l-*interview* li kellha meta giet impjegata. Oltre dan hija kienet wettqet diversi zbalji li kkawzaw danni lill-lukanda kif ukoll tefghet il-htija fuq kollegi taghha. L-Appellanti mill-banda l-ohra innegat dan kollu u qalet li hija qatt ma giet imwissijja jew irciviet ilmenti.

## 4. Konsiderazjonijiet

Il-Kumpanijja Appellata bbazat il-kaz fuq tliet fatturi principali. Dawn huma: in-nuqqas ta' kompetenza tal-Appellanti ghal dak li ghandu x'jaqsam il-*marketing*, l-agir taghha arroganti versu membri tal-i*staff*, u l-izbalji taghha kif ukoll li ma kienitx tobdi l-ordnijiet tas-superjuri taghha. L-Appellanti innegat dan kollu u ziedet tghid li qatt ma ngibditilha l-attenzjoni ghal xi nuqqasijiet li setghet ikkommettit. Billi l-piz tal-provi jinkombi fuq il-Kumpanijja Appellata t-Tribunal fela' bir-reqqa l-akkuzi li saru.

Ghal dak li huwa kompetenza fil-*marketing* il-Kumpanijja Appellata tghid illi kuntrarjament ghal dak li tat x'tifhem meta l-Appellanti applikat ghal post irrizulta li kienet ghal kollox mankanti f'dan ir-rigward tant li xoghol li jinvolvi l-*marketing* kellu jsir mill-*General Manager*. Il-Kumpanijja Appellata tghid li meta giet ingaggata l-Appellanti ittiehed in konsiderazzjoni l-allegata kapacita fil-*marketing*. Tant hu hekk li nghatat salarju gholi li bhalu qatt ma kien inghata lill-ebda impjegat. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Principal f'dan il-kaz strah wisq fuq semplici taghrif moghti mill-Appellanti. Kieku ried kellu mezzi ohra biex jiccekkja l-fatti. Hemm id-dritt li jintalbu riferenzi, hemm il-*curriculum vitae* u fuq kollox hemm l-*interview* li ma' tulu tista tigi iccekkjatha anke b'mod l-iktar semplici l-informazzjoni dwar il-kapacita` tal-Appellanti. Seta' kien kaz ta' *culpa in eligendo*? Izda anke jekk dan kollu falla dejjem hemm ir-rimedju taz-zmien ta' prova. Dan jezizti propju biex iz-zewg kontraenti tal-kuntratt tax-xoghol ikunu jistghu jevalwaw 'l xulxin u jekk ikun hemm bzonn xi wahda mill-partijiet tkun tista tiddecadi mill-kuntratt minghajr konsegwenzi. Minn dan ma sar xejn u jekk hemm xi nuqqas f'dan ir-rigward hija l-Kumpanijja Appellata li ma haditx il-passi kollha necessarji biex tara li dak li vvantat bih l-Appellanti kien minnu. Madankollu hawn jintefa' ukoll dawl negattiv fuq l-Appellanti minhabba l-asserzjoni dubjuza taghha fuq l-allegat proficjenza taghha fil-*marketing* li sa certu punt qarrqet lill-*employer* prospettiv taghha.

Il-Kumpanijja Appellata allegat li l-Appellanti kienet arroganti ma' xi impjegati ohra tal-lukanda. B'sostenn ta' dan xhedu x-*Chef* Julian Saliba u l-*Head Waiter* Paul Cassar. Huwa

fatt maghruf illi fil-*hospitality industry* il-komportament tal-i*staff* ghandu jkun wiehed docili, kortes u *consumer friendly*. Huwa rikonoxxut illi s-servizz ghandu jinghata bit-tbissima, *service with a smile*. Mill-provi ma jirizultax li r-relazzjoni ta' xoghol almenu ma' dawn iz-zewg kollegi taghha l-Appellanti kien hekk. Mill-banda l-ohra ma ingibux provi li dan l-agir kien estiz anke mall-klijenti. Ghaldaqstant dan l-atteggjament xejn tajjeb ma jistghax jigi addebitat lill-Appellanti b'mod li jixraqilha li tigi kastigata bis-sanzjoni estrema tat-tkeccija.

Izda l-ilment principali tal-Kumpanijja Appellata huwa dwar zbalji, nuqqas ta' kompetenza, li ma tatx kaz tal-ordnijiet legittimi tas-superjuri taghha u li l-izbalji taghha ikkagunaw danni lill-lukanda li fiha kienet tahdem. It-Tribunal ihoss illi n-nuqqasijiet li giet addebitata bihom l-Appellanti gew sostanzjalment ippruvati u huma ta' natura serja hafna. Huma sensiela ta' nuqqasijiet u zbalji li fil-kumpless taghhom jaghtu immagini ta' indifferenza, nuqqas ta' attenzjoni u komportament xejn professjonali. Il-Kumpanijja Appellata ammettiet li twissijiet formali ma nghatawx ghad li kien hemm kummenti opportuni u osservazzjonijiet *a tempo vergine*. Dan il-fatt, fl-opinjoni tat-Tribunal, ma jezonerawx lill-Appellanti mill-piz tar-responsabbilta` tal-agir taghha. Bhala impjegata gholja b'salarju superjuri ghal ta' haddiehor l-Appellanti kienet mistennija tahdem bl-ikbar serjeta`, assidwita, attenzjoni u professjonalita`. Il-kumment tal-Avukat taghha li kulhadd huwa suggett li jikkommetti zbalji huwa korrett. Izda li ma ntqalx hu li min jikkommetti l-izball huwa soggett ghal konsegwenzi tieghu u jrid ukoll jerfa l-piz tal-istess zball. It-Tribunal jinnota wkoll li ghad li ma inghatawx twissijiet formali l-Principal wera' li ma setghax jissoporti iktar tant li offra lill-Appellanti impieg alternattiv. Dan juri bic-car illi ma kienx tal-fehma li jillicenzjaha kif gieb u lehaq. Anzi deherlu li ghandu jaghtiha cans tal-ahhar biex tirrimedja l-operat taghha. L-Appellanti dan ic-cans ma haditux.

**3. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi illi l-Appellanti Lydia Gauci giet licenzjata mis-socjeta` Goldvest Company Ltd ghal raguni gusta u sufficjenti.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**4. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja